**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 57/2015**

**Saviour Brincat K.I. Nru. 731128M u wara l-mewt tieghu l-atti tal-kawza gew trasfuzi f'isem Maria Dolores Francalanza (150857M)**

**vs**

**Theresa Zahra K.I. Nru. 60888M**

**Illum 15 t'Ottubru, 2015**

Il-Bord:

Ra r-rikors guramentat tar-rikorrenti li jghid hekk;

> Illi b'kuntratt ta' kera permezz ta' skrittura privata tas-7 ta' Marzu, 2014 (kopja annessa Dok A), l-esponenti kera lill-intimata ghal perjodu ta' sena mis-7 ta' Marzu, 2014 sas-6 ta' Marzu, 2015, il-flat residenzjali numru 2, Geranium, Triq ic-Cern, Bugibba, San Pawl il-Bahar, 'furnished', bil-kera miftiehem fix-xahar ta' hames mitt euro (Eur 500) pagabbli bil-quddiem;

Illi iz-zmien miftiehem tal-kirja gia' ghalaq u cioe' fis-6 ta' Marzu, 2015 u ghalhekk il-kirja spiccat 'ipso iure';

Illi nonostante dan it-tmiem definittiv tal-kirja, l-intimata flimkien mal-familja taghha u possibilment terzi, baqghet tokkupa l-fond de quo kif ghadha taghmel sallum;

Illi l-esponenti jrid li l-intimata u kull minn hemm joqghod maghha jitkeccew mill-imsemmi fond, sabiex jintradd lura lilu;

Illi safejn jaf l-esponenti, l-intimata ma ghandha ebda difiza x'taghti kontra t-talba tieghu.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu li dan il-Bord joghogbu:-

(1) Jiddeciedi li jilqa' t-talba ghall-izgumbrament hawn isfel mitlub, minghajr ma jghaddi ghas-smiegh tal-kawza.

(2) Jordna t-tkeccija tal-intimata u kull min qed jabita maghha fil-fond flat Nru. 2, 'Geranium', Triq ic-Cern, Bugibba, San Pawl il-Bahar, u li tghaddilu dan il-fond u c-cwievet ta' l-istess, u dan fi zmien qasir u perentorju li joghgbu jiffissa dan il-Bord.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

U b'riserva ghal kull azzjoni ulterjuri l' quddiem, ghall-hlas ta' kera mhux imhallas sas-6 ta' Marzu, 2015, u sad-data tac-cediment tal-fond de quo f'idejn l-esponenti ghall-hlas ta' kwalunkwe korrispettiv iehor dovut u ta' kwalunkwe danni ghal xi kumpens.

Ra illi l-intimata debitament notifikata baqghet ma dehritx biex tikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti;

Ra illi t-talba tar-rikorrenti hija segwita b'dikjarazzjoni guramentata tal-fatti tar-rikorrenti liema fatti huma minnu maghrufa kompriz id-dikjarazzjoni illi l-intimata ma ghandha l-ebda opposizzjoni x'tista' taghmel skont il-ligi;

Ra l-atti kollha tar-rikors inkluz it-talba tal-legitimazzjoni ta' l-atti;

Sema' lir-rikorrenti tikkonferma bil-gurament li sal-lum is-sitwazzjoni ghadha ma nbidlitx minn dakinhar li giet prezentata l-kawza odjerna;

Peress illi jimmerita illi t-talbiet tar-rikorrenti jkunu milqugha bid-dispensa tas-smiegh fit-termini tal-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-ligijiet ta' Malta;

Il-Bord qieghed jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ghal fini ta' zgumbrament qed jipprefigi zmien xahrejn mil-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-intimata.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur